# Ivvota 1
# Melissa Joan Bagley
## Birżebbuġa



ADPD

**Jiswielek.**

www.adpd.mt
info@adpd.mt

**My priorities for Birżebbuġa**
A naturalised Maltese citizen, I have spent most of my childhood and adulthood in Birżebbuġa, a village where I have family ties. I am a senior lecturer at the Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST), teaching English for Special Purposes; I have a PhD in Applied Linguistics from Lancaster University, focusing on societal bilingualism in Malta. I engage in volunteering and organising clean-up events in Birżebbuġa, working with other clean-up groups across the Maltese Islands. I would be more than happy for you to contact me to share your concerns, ideas and vision for Birżebbuġa.

**Ecological Wisdom.** I will work towards the preservation of the surrounding natural habitat that surrounds Birżebbuġa, especially ecologically sensitive areas to be found in the Natura 2000 zone, such as Wied Żnuber in Ħal Far and Wied ix-Xoqqa in Benghajsa, besides areas falling within the designated Outside Development Zones (ODZ). I will continue my work with eNGOs and local NGOs to ensure their conservation. Animal welfare is also a priority.

**Societal Well-being.** I commit myself to work towards protecting the locality from the impact of industrial activities and the pollution that such activities generate to the detriment of the residents and the environment. Where necessary I will seek to collaborate with the authorities to prevent and remediate the illegal transporting and disposal of waste around the locality.

**Historical and Cultural Heritage.** I believe that historical sites in and around Birżebbuġa should be given prominence and will seek best practices to maintain, conserve and promote sites which contribute to the unique identity of the locality.

**Respect for Diversity.** With an increasingly diverse population, I believe that the Birżebbuġa local council should strive to engage with residents from all backgrounds and walks of life.

**Il-prijoritajiet tiegħi għal Birżebbuġa**
Jiena persuna li qattajt il-maġġoranza ta' ħajti f'Birżebbuġa, fejn għandi rabtiet familjari, u maż-żmien akkwistajt iċ-ċittadinanza Maltija. Naħdem bħala Senior Lecturer fil-Kulleġġ tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) u ngħallem l-Ingliż għall-użu f'kuntesti akkademiċi u professjonali. Bħala edukazzjoni, għandi dottorat fil-Lingwistika Applikata mill-Universita ta' Lancaster (UK). Ninvolvi ruħi fil-volontarjat u norganizza *clean-up events* f'Birżebbuġa, u nikkollabora ma' gruppi oħra bl-istess għan madwar Malta u Għawdex. Ikun pjaċir tiegħi li tikkuntattjani sabiex taqsam miegħi l-ħsiebijiet, ideat u viżjoni għal Birżebbuġa.

**Għarfien Ekoloġiku.** Naħdem favur il-ħarsien u l-preservazzjoni tal-abitat naturali madwar Birżebbuġa, speċjalment postijiet ekoloġikament sensittivi li jinstabu fiż-żona Natura 2000, bħal Wied Żnuber u Wied ix-Xaqqa, apparti żoni oħra li jaqgħu fl-Outside Development Zones (ODZ). Lesta li naħdem mal-NGOs ikkonċernati. Prijorità oħra hija l-animal welfare.

**Tisħiħ tas-Soċjetà.** Nikkommetti ruħi li nipproteġi l-lokalita mill-impatt tal-attivitajiet industrijali u t-tniġġiż li dawn l-attivitajiet jiġġeneraw għad-detriment tar-residenti u l-ambjent. Fejn possibli nfittex li nikkollabora mal-awtoritajiet biex nipprevenu t-trasport u r-rimi illegali madwar il-lokalità.

**Wirt Storiku u Kulturali.** Nemmen li s-siti storiċi f'Birżebbuġa u madwar għandhom jingħataw prominenza u nfittex il-best practices għall-manutenzjoni, konservazzjoni u promozzjoni tas-siti li jagħtu kontribut għall-identità unika tal-lokalità.

**Rispett għad-Diversità.** B'populazzjoni diversa, nemmen li l-kunsill lokali ta' Birżebbuġa għandu jagħmel ħiltu biex jimpenja ruħu ma' residenti minn kull sfond u qasam tal-ħajja.

**Manifest: www.adpd.mt/kunsilli-lokali-2024/**
**Email: mjbagley@gmail.com**